



EUROPEAN CITIZENS' PANEL  
**Tackling Hatred in Society**



# Panel taċ-Ċittadini Ewropej **dwar l-** **Indirizzar tal-Mibegħda** **fis-Soċjetà**

*Sommarju tas-Sessjoni 2*

[26-28 ta' April 2024]

## Fi ftit kliem...

### X'inhuma l-azzjonijiet ta' priorità biex tiġi indirizzata l-mibegħda?

It-tieni sessjoni ta' Panel ta' Ċittadini Ewropej dejjem tkun ta' sfida, u dik dwar "l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà" ma kintx eċċezzjoni! Saret kompletament online permezz tal-pjattaforma Interactio, u bis-saħħa tal-isforzi eċċellenti tal-interpreti mill-bogħod, il-parteċipanti kkontribwew bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Iċ-ċittadini reġgħu wrew impenn sod għal dan is-suġġett ferm rilevanti u kumpless. Fl-ewwel sessjoni, iċ-ċittadini identifikaw il-fatturi u l-kawżi tal-mibegħda u ddiskutew, fost l-oħrajn, l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, il-persjoni mill-pari, il-miżinformazzjoni, u l-polarizzazzjoni tad-diskors politiku. L-għan ta' din it-tieni sessjoni kien li l-approfondiment tal-oqsma ta' azzjoni biex nindirizzaw il-mibegħda: kif nevitawha u kif nirreaġixxu lejha. F'din is-sessjoni, iċ-ċittadini mexxew il-ħidma tagħhom fuq ideat aktar konkreti. Kompli agra għal sommarju tal-punti ewlenin tal-weekend!

## Xi punti ewlenin mit-tieni sessjoni

Filwaqt li iċ-ċittadini bdew il-ħidma fil-fond tagħhom, il-kelliema mistiedna u l-membri tal-Kumitat tal-Għarfien kienu disponibbli biex jikkomentaw u jagħtu pariri dwar il-progress tagħhom. Dawn huma ftit siltiet interessanti mill-interventi tagħhom.

### **"Il-problema indirizzajtuha b'ħafna rispett, ġejtu hawnhekk b'qalbkom miftuħa, u tajtu perspettivi u esperjenzi tal-ħajja."**

**Richard Kuehnel, id-Direttur għar-Rappreżentanza u l-Komunikazzjoni fl-Istati Membri fil-Kummissjoni Ewropea (DG COMM)** faħħar il-ħidma li saret miċ-ċittadini matul l-ewwel sessjoni. *"L-ideat li qed tiżviluppaw se jinfurmaw il-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss u anki l-Leġiżlazzjoni Ewropea."* Mill-Kumitat tal-Għarfien, **Robin Sclafani, id-Direttur tas-CEJI**, irreferiet għall-isfidi li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-gvernijiet Ewropej fl-indirizzar tar-reati tal-mibegħda. Enfasizzat iċ-ċiklu ta' preġudizzju li jwassal għal diskriminazzjoni, theddid u vjolenza, li jħalli impatt fuq il-komunitajiet u jrawwem diskriminazzjoni sistemika fil-qasam tas-servizzi, l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni.

### **Nindirizzaw il-mibegħda b'sett ta' valuri komuni u bl-appoġġ tal-UE**

**Daris Lewis Recio, Uffiċjal Legali u tal-Politika f'Equinet**, innota l-esperjenzi diversi ta' mibegħda madwar l-Ewropa u enfasizza l-ħtieġa li s-sorveljanza tal-UE tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji tagħhom kontra l-mibegħda. **Jelena Jovanovic, Koordinatur tal-Intergrupp Kontra r-Razziżmu u d-Diversità fil-Parlament Ewropew**, ġabret l-istejjer kondiviżi madwar l-Istati Membri tal-UE, filwaqt li enfasizzat l-isfidi komuni u l-ħtieġa għal appoġġ mill-UE permezz ta' finanzjament, programmi u politiki. Enfasizzat l-importanza tal-implimentazzjoni lokali tal-liġijiet tal-UE u r-rwol tal-mexxejja lokali,

bħas-sindki, fit-trawwim tal-valuri Ewropej u t-tnejjija għall-isfidi futuri fil-ġlieda kontra l-mibegħda f'diversi livelli: Ewropew, nazzjonali u lokali.

### “Il-mibegħda tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra”

**Valérie Rosoux, Direttur tar-Riċerka f'FNRS u Professur f'UC Louvain**, tkellmet dwar kif il-mibegħda tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra: “Bħala emozzjoni, il-‘mibegħda’ *tinfirex intatta imma mingħajr in-narrattiva.*” Enfasizzat xi passi li jstgħu jittieħdu fil-livell politiku, tas-soċjetà ċivili u dak individwali kontra l-mibegħda. “*It-trasformazzjoni tal-mibegħda trid iż-żmien iżda dejjem hija possibbli,*” ikkonkludiet.

## Diskussjonijiet dwar il-prevenzjoni u r-rispons għall-mibegħda

Matul is-Sessjoni 2, iċ-ċittadini ħadmu fuq żewġ aspetti ewlenin tas-suġġett tal-mibegħda: il-prevenzjoni u r-rispons. Filwaqt li ma nistgħux niddettaljaw id-diskussjonijiet kollha tal-gruppi ta' ħidma, hawnhekk se ssib il-kontributi ewlenin tal-Kumitat tal-Għarfien, tal-kelliema esterni u tal-esperti tal-Kummissjoni Ewropea. L-ewwel aspekt (**l-indirizzar tal-kawżi soċjetali u kulturali tal-mibegħda**) jittratta l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni tas-soċjetà, l-involviment taċ-ċittadini, l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi. It-tieni wieħed (**l-indirizzar tal-mibegħda fil-forom u l-kuntesti differenti tagħha**) jittratta l-media u d-diskorsi, l-ambjenti diġitali, ir-responsabbiltà pubblika u l-infurzar tal-liġi.

### L-indirizzar tal-kawżi soċjetali u kulturali tal-mibegħda

- **L-edukazzjoni, kemm formali kif ukoll informali, għandha rwol vitali fit-tiswir tal-attitudnijiet tas-soċjetà lejn il-mibegħda, filwaqt li tippromwovi komunità aktar inklużiva u komprensiva.**

Iċ-ċittadini identifikaw l-edukazzjoni bħala wieħed mill-oqsma ewlenin għal azzjoni biex tiġi miġġielda l-mibegħda. **Kuany Kiir Kuany, Uffiċjal tal-Proġett fit-Taqsima tal-UNESCO għaċ-Ċittadinanza Globali u l-Edukazzjoni għall-Paċi**, enfasizza li l-edukazzjoni testendi lil hinn mill-klassijiet u hija proċess kontinwu ta' importanza kritika għall-iżvilupp personali u l-koeżjoni soċjali. Enfasizza n-natura politika tal-edukazzjoni, filwaqt li enfasizza wkoll ir-rwol tagħha fl-indirizzar tad-diskors ta' mibegħda u fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali. **Willem Wagenaar, Riċerkatur f'Anne Frank Stichting**, iffoka fuq applikazzjonijiet prattiċi tal-edukazzjoni biex tiġi indirizzata l-mibegħda, filwaqt li ġab eżempju bl-isport, u ta dettalji dwar inizjattivi biex il-partitarji tal-futbol jitgħallmu dwar l-impatt tad-diskors ta' mibegħda.

**Ingrid Bellander Todino, Kap tal-Unità, l-Unità tal-Politika tad-Drittijiet Fundamentali, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) tal-Kummissjoni Ewropea**, tkellmet dwar l-edukazzjoni tul il-ħajja: “*Din hija kwistjoni fundamentali fil-ġlieda kontra l-mibegħda. F'dan il-qasam, l-UE ma għandha l-ebda kompetenza fuq il-kurrikulu edukattiv. Madankollu, għandna opportunitajiet ta' finanzjament bħal Erasmus+, li jippermetti lill-istudenti u lill-professjonisti jiskambjaw l-ideat u jwessgħu l-orizzonti tagħhom u jsiru aktar miftuħa.*” **Manos Tsakiris, Professur tal-Psikoloġija**,

**Università ta' Londra** indika li t-tagħlim imur lil hinn mill-edukazzjoni tradizzjonali. Edukazzjoni olistika hija kruċjali biex inrawmu l-espressjoni emozzjonali u l-komunikazzjoni mhux vjolenti.

- **Ġustizzja u impenn għall-prevenzjoni ta' nuqqas ta' qbil fis-soċjetà.**

**Federico Faloppa, Lingwist mill-Università ta' Reading** iddiskuta d-dinamika tad-diskors ta' mibegħda, u identifika erba' rwoli potenzjali li jista' jkollhom l-individwi: dawk fil-miri, ix-xhieda, l-awturi, u dawk konxji mid-diskors ta' mibegħda. Irrakkomanda l-involvement tal-komunità u l-ġustizzja ristorattiva bħala mezz biex jiġi indirizzat u mmitigat id-diskors ta' mibegħda. **Juliana Santos Wahlgren, Direttur tan-Netzwerk Europew Kontra l-Faqar**, rabtet b'mod simili, l-mibegħda mal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi. Saħqet fuq il-ħtieġa għal ġustizzja fil-politika pubblika u distribuzzjoni ekwa tar-riżorsi biex nevitaw in-nuqqas ta' qbil fis-soċjetà.

### **Nindirizzaw il-mibegħda fil-forom u l-kuntesti differenti tagħha**

- **L-isfida tal-anonimità online: privatezza jew aċċess għad-data?**

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) tal-Unjoni Ewropea, kif spjegat minn **Menno Cox, Kap tas-Settur fid-DĠ CONNECT**, huwa regolament robust li jimmira pjattaformi online kbar ħafna, jinforza t-trasparenza u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni madwar l-Istati Membri tal-UE. Id-DSA jagħti mandat għal valutazzjonijiet tar-riskju u reazzjonijiet għal kontenut li potenzjalment iwassal għal vjolenza jew impatti fuq is-saħħa mentali, b'enfasi qawwiya fuq l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tad-diskors ta' mibegħda illegali biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-utenti.

**Martin Sacleux, Uffiċjal tal-Politika fl-Unità tal-Politika dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Kummissjoni Ewropea, DĠ JUST**, tenna l-isfidi tar-regolamentazzjoni tal-anonimità fuq l-internet. Fil-fehma tiegħu, il-kunċett ta' anonimità jinvolvi l-ibbilanċjar tad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data skont il-liġi Ewropea. Enfasizza l-ħtieġa kontinwa għal bilanċ delikat, speċjalment f'xenarji li jinvolvu attivitajiet kriminali fejn l-infurzar tal-liġi jista' jeħtieġ aċċess għad-data.

Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem biex tiddefinixxi regolamenti ċari li jikklassifikaw ċerti attivitajiet online bħala kriminali, bl-għan li jindirizzaw l-isfidi multipli tal-anonimità diġitali u l-implikazzjonijiet tagħha kemm għall-privatezza kif ukoll għas-sigurtà. **David Marin Abanades, Spettur tal-Pulizija** minn Fuenlabrada fi Spanja, tkellem dwar id-diffikultajiet fil-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda, li jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ġurisdizzjonijiet differenti. Saħaq dwar il-ħtieġa għal identifikazzjoni preċiża ta' x'jikkostitwixxi reat ta' mibegħda f'kull Stat Membru.

- **L-isfida tal-libertà tal-espressjoni u l-protezzjoni tal-vittmi**

**Margarita S. Ilieva, avukat indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem**, iddiskutiet il-protezzjoni tal-vittmi u dawk li jtkellmu kontra l-mibegħda. Hekk kif għamlu kontributori oħra, indikat l-importanza li l-libertà tal-espressjoni tiġi bbilanċjata mal-ħtieġa li jiġu evitati oppressjoni sistemika u reati ta' mibegħda. Appellat biex il-vittmi jkollhom aċċess imtejjeb għall-ġustizzja, biex ikun hemm miżuri proattivi kontra r-rivittimizzazzjoni, u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom avukati, ġurnalisti, u membri ta' diversi organizzazzjonijiet, biex titrawwem soċjetà sigura u rispettuża.

- “Xogħolkom jirrifletti n-natura tad-demokraziji”

Bħala konklużjoni, **Irina Moozova, Deputat Direttur Ġenerali għad-Dimensjoni Internazzjonali tal-Politiki tal-Ġustizzja, l-Istat tad-Dritt u l-Ugwaljanza fid-DĠ JUST** faħħret il-motivazzjoni u l-impenn tal-parteċipanti, li huma kruċjali biex id-deċiżjonijiet Ewropej jissarrfu f’azzjonijiet prattiċi fuq il-post.

**Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-**

## M&T ma’ Jean-Luc (FR)

### **Kif kien il-weekend online tiegħek?**

“Kollox sew, ipparteċipajt mid-dar; it-tfal bdew jgħidu x’inhu jagħmel il-papà? Bdejna nidħlu f’aktar dettall dwar is-suġġett, speċjalment fil-gruppi ta’ diskussjoni li kellna s-Sibt u l-Ħadd filgħodu. Qsamna l-ideat inizjali tagħna mal-gruppi l-oħra biex kulħadd ikun konxju tal-ideat li ħarġu f’kull grupp.”

### **Kif marru d-diskussjonijiet?**


“L-atmosfera tal-grupp kienet tajba ħafna. Prinċipalment, iddiskutejna s-suġġett tal-edukazzjoni u kif nistgħu niżviluppaw ħiliet soċjali biex intejbu l-intelliġenza emozzjonali, l-umanità, u l-għarfien tagħna dwar kulturi u reliġjonijiet oħra. Il-kondiviżjoni ta’ valuri komuni hija essenzjali għall-ġlieda kontra l-preġudizzju u l-istereotipi u tgħin biex jiġi definit futur aktar inklużiv u favorevoli għal kulħadd.”

### **Għalik, x’kien l-aqwa punt minn din l-attività?**

“Din is-sessjoni għenet biex niċċaraw id-direzzjoni li qed nimxu fiha fir-rigward tal-ideat li fassalna. Nittama li s-soluzzjonijiet tagħna jkunu jistgħu jintużaw biex jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, għad hemm ħafna xogħol xi jsir qabel ma nkunu nistgħu nipprovdur rakkomandazzjonijiet finali konkreti, realistiċi u implimentabbli, iżda ninsab kunfidenti u ottimist għas-Sessjoni 3.”

## Il-weekend mill-perspettiva ta’ Sylvain

Sylvain Mazas huwa faċilitatur grafiku, li jirrappreżenta l-evoluzzjoni tad-diskussjonijiet tal-Panel b’mod viżiv. Hawn taħt nilmħu l-impresjonijiet tiegħu tal-weekend:



## Tfakkira: L-objettivi tat-3 sessjonijiet kollha

- **Sessjoni 1, 5-7 ta' April:** Iċ-ċittadini jiżviluppaw fehim komuni tal-mibegħda u tal-ambitu tal-Panel taċ-Ċittadini, billi jikkondividu ma' kelliema esterni, xhieda u esperti esterni u jisimgħuhom. Flimkien, iċ-ċittadini jidentifikaw il-kawżi u l-fatturi differenti tal-mibegħda kif ukoll l-oqsma ta' azzjoni potenzjali li fihom tista' tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà.

- **Sessjoni 2, 26-28 ta' April:** Filwaqt li jibnu fuq is-Sessjoni 1, iċ-ċittadini jiżviluppaw ideat dwar kif tiġi indirizzata l-problema tal-mibegħda fis-soċjetà, li jistgħu jitqiesu bħala abbozz tar-rakkomandazzjonijiet.
- **Sessjoni 3, 17-19 ta' Mejju:** Iċ-ċittadini jiffinalizzaw l-irfinar tal-ideat u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Eventwalment, dawn l-ideat isiru r-rakkomandazzjonijiet finali lill-Kummissjoni Ewropea.